MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1921/2005

**Renald Casha**

**vs**

**Orazio Vella**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-1 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270) rapprezentanti danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-attur meta l-konvenut permezz tat-trakk DBA 772 waqqa konkos fuq il-vettura BBB 248 f' The Strand Gzira fil-15 ta' Settembru 2005, b'l-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarja tad-29 ta' Settembru 2005.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12

tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fid-19 ta’ Dicembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270) b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------